**L-Università ta' Malta**

# MAL 3068 - Il-Mediterranjetà u l-Letteratura Maltija

Ġunju 2008

*Wieġeb mistoqsija waħda. Irfed l-argumenti tiegħek b'eżempji mil-letteratura Maltija. Importanti li l-eżempji li tagħti jkunu eżempji ġodda u li l-analiżi tiegħek tirrifletti t-testi akkademiċi u letterarji li qrajt.*

1. Għadd ta' awturi Mediterranji jitkellmu dwar is-sens qawwi ta' storja, ta' memorja li hemm f'dan ir-reġjun. Kemm tinħass din il-memorja "Mediterranja" fil-letteratura Maltija?

2. Teżisti l-"mediterranjetà"? X'evidenza hemm fil-letteratura Maltija biex tirfed it-tweġiba tiegħek?

3. Agħżel test jew testi letterarji Maltin u analizza r-riferimenti għall-Mediterran li hemm fih jew fihom fid-dawl tad-dibattitu dwar x'inhu "l-Mediterran."

4. F'*The Mediterranean: Environment and Society*, Proudfoot u Smith jargumentaw li l-Mediterran fiżiku tant fih diversitajiet li "l-uniku element fiżiku li jgħaqqad lil dan ir-reġjun huwa l-Mediterran innifsu," jiġifieri l-Baħar Mediterran. Ikkummenta dwar din l-istqarrija (li għall-bidu tista' tidher ambigwa) u saħħaħ l-argumenti tiegħek b'eżempji mil-letteratura Maltija.

5. Ħafna studjużi, bħal Predrag Matvejević, isostnu li d-diskors dwar il-Mediterran għandu sehem determinanti fil-ħolqien tal-kunċett ta' Mediterran. Il-letteratura Maltija kemm titkellem dwar il-Mediterran? Ix-xogħlijiet iridu jkunu konxjament mediterranji biex ikunu "mediterranji"? Irreferi għal xogħlijiet letterarji Maltin.

---

ag – mejju, 2008